V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M. 9964 — Eurofiber Nederland/Vattenfall Wärme Berlin/Vattenfall Bitstream Infrastructure)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 398/12)

1. Fit-13 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Eurofiber Nederland B.V. ("Eurofiber", in-Netherlands), ikkontrollata minn Antin Infrastructure Partners,

— Vattenfall Wärme Berlin ("VWB", il-Ġermanja), parti mill-grupp ta' impriżi Vattenfall,

— Vattenfall Bitstream Infrastructure GmbH ("VBIG", il-Ġermanja), bħalissa parti minn VWB.

Eurofiber u VWB jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' VBIG.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'impriża maħluqa ġdida.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Eurofiber: tipprovdi infrastruttura diġitali bl-użu tan-netwerks tal-fibra ottika u taċ-ċentri tad-*data* tagħha stess;

— VWB: tippossjedi u topera impjanti tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fir-reġjun ta' Berlin;

— VBIG: se tibni netwerk tal-fibra ottika fiż-żona ta' Berlin biex tipprovdi aċċess għan-network lil fornituri ta' servizzi bl-internet kif ukoll servizzi ta' network u ta' konnettività lill-klijenti kummerċjali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9964 — Eurofiber Nederland/Vattenfall Wärme Berlin/Vattenfall Bitstream Infrastructure

([1]) ĠU L 24 tad-29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email, faks jew bil-posta, fejn għandhom jintużaw id-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizzi tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Feks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
DG Competition
Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË